Head Office
Ex Royal Naval Hospital
Triq Marina
Kalkara KKR1524
Malta

Tel: (+356) 22954000
Fax: (+356) 21222900

Email: info@heritagemalta.org
www.heritagemalta.org

**STQARRIJA** **10 ta' Marzu 2021**

**Heritage Malta twettaq idea ta' impjegat tagħha għal ambjent aktar ħadrani**

Heritage Malta qed twettaq idea ta' wieħed mill-impjegati tagħha u tniedi inizjattiva fejn il-ħaddiema jiżirgħu żrieragħ ta' siġar u arbuxxelli fi djarhom u jindokrawhom sakemm ikunu kibru biżżejjed biex jitħawlu f'siti ta' Heritage Malta stess.

"L-idea mill-ewwel intgħoġbot mill-amministrazzjoni ta' Heritage Malta, billi tinkwadra b'mod sħiħ fil-missjoni tagħna li nħarsu mhux biss il-patrimonju kulturali iżda wkoll il-wirt naturali ta' pajjiżna," qal Noel Zammit, Kap Eżekuttiv ta' Heritage Malta. "Din l-inizjattiva hija mezz kif l-impjegati tagħna jieħdu sehem f'attivitajiet ekstrakurrikulari li huma ta' siwi kbir kemm għall-aġenzija nfisha kif ukoll għall-ambjent."

Il-mixtla ta' Heritage Malta f'Għar Dalam għandha sehem ewlieni f'din l-inizjattiva billi tipprovdi ż-żerriegħa lill-impjegati li juru interess f'dan il-proġett volontarju. Is-siġar u l-arbuxxelli li se jikbru minn din iż-żerriegħa huma kollha indiġeni.

Minn meta ġew mgħarrfa bis-suġġeriment li ħareġ bih il-kollega tagħhom, diversi impjegati esprimew interess biex jiżirgħu ż-żerriegħa f'darhom u jindokraw ix-xtieli li jinbtu minnha għal sena jew sentejn, sakemm dawn ikunu lesti biex jittieħdu lura fil-mixtla fejn isibu min jieħu ħsiebhom qabel jasal iż-żmien li jitħawlu fis-siti rispettivi.

Għalkemm min jidħol għal dan l-impenn m'hemmx bżonn ikollu esperjenza fil-ħarsien tal-pjanti, u ż-żerriegħa biex tikber tirrikjedi biss rokna xemxija fejn tkun imħarsa mir-riħ u mix-xita qalila, il-mixtla ta' Għar Dalam qed toffri pariri lill-impjegati dwar il-kura ta' dawn il-pjanti.